Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2025/2156(DEC)

27.1.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024
(2025/2156(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Giuseppe Lupo

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2024, tar-rapport annwali tal-attività 2024 tal-Aġenzija kif ukoll tal-analiżi u tal-valutazzjoni ta' dak ir-rapport min-naħa tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija;

2. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu rigward l-attivitajiet imwettqa mill-Qorti u d-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-Unjoni u mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni; jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti rigward is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u l-użu ripetut tar-riporti; jilqa' l-ispjegazzjonijiet tal-Aġenzija u l-impenn tagħha li tindirizza dawn il-kwistjonijiet;

3. Jinnota li, inizjalment, l-Aġenzija rċeviet kontribuzzjoni ta' EUR 30,58 miljun fl-ambitu tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2024, liema kontribuzzjoni tirrappreżenta żieda ta' 1,61 % meta mqabbla mal-2023; il-kontribuzzjoni finali tal-baġit ġenerali li rċeviet l-Aġenzija, wara li ġie approvat il-baġit emendatorju, kienet tammonta għal EUR 30,79 miljun, li tirrappreżenta żieda finali ta' 2,31 % meta mqabbla mal-2023; jirrimarka li kemm il-baġit annwali tal-Aġenzija kif ukoll l-għadd totali tal-persunal tagħha huma fost l-aktar baxxi fost l-aġenziji tal-Unjoni; jisħaq li, sadanittant, l-attivitajiet tal-Aġenzija żdiedu, b'mod partikolari l-isforzi tagħha kontra s-sajd IUU u l-konsegwenzi tiegħu fuq is-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd, l-ekonomija, is-sovranità u s-sigurtà tal-Unjoni u tar-reġjuni ultraperiferiċi tagħha;

4. Jisħaq li l-Aġenzija rċeviet "dħul ieħor" b'valur ta' EUR 1,23 miljun, u għalhekk, id-dħul totali tal-Aġenzija ammonta għal EUR 32,02 miljun;

5. Jirrikonoxxi li fis-sena finanzjarja 2024 l-Aġenzija rnexxielha timplimenta 99,5 % tal-programm ta' ħidma annwali tagħha meta mqabbel ma' 98 % fl-2023; jinnota li l-Aġenzija rnexxielha twettaq l-operazzjonijiet tagħha u timplimenta l-baġit tagħha kif ippjanat; jifraħ lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 % f'termini ta' impenji u 76,6 % f'termini ta' pagamenti, jiġifieri żieda ta' 4 % meta mqabbla mal-2023; jinnota li, meta jitqies id-dħul assenjat, l-Aġenzija laħqet implimentazzjoni ta' 92,3 % f'termini ta' impenji u 76,9 % f'termini ta' pagamenti; iqis li dan il-livell ta' implimentazzjoni u effiċjenza fl-użu tar-riżorsi pubbliċi jikkostitwixxi eżempju ta' ġestjoni tajba li għandu jservi ta' ispirazzjoni għal aġenziji oħra tal-UE, b'mod partikolari fi żmien meta d-dixxiplina baġitarja u l-użu responsabbli tal-fondi jridu jkunu prijorità;

6. Ifakkar fl-approċċ tal-Unjoni ta' "tolleranza żero" għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u fir-rwol vitali tal-Aġenzija fil-ġlieda kontra s-sajd IUU kif ukoll il-kontribut tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd (PKS); jiddeplora, f'dan ir-rigward, il-fatt li minħabba l-iskadenza tal-kuntratt qafas u d-dewmien fil-kuntratt ta' akkwist konġunt mal-Frontex, l-ebda assi tal-ajru bi ġwienaħ

fissi ma setgħu jiġu chartered; iwissi li l-iskadenza ta' dawn l-assi tal-ajru tillimita l-kapaċità operazzjonali reali tal-Aġenzija fir-rigward ta' ġlieda effettiva kontra s-sajd IUU; jitlob li dawn il-proċeduri jiġu rieżaminati biex jiġi evitat tfixkil li jista' jagħti lok għal attivitajiet illegali tas-sajd fl-ibħra Ewropej; jinnota li l-ispejjeż għaċ-chartering ta' Bastimenti tal-Għassa Off-Shore naqsu bi 2,5 %;

7. Jisħaq li, minkejja l-isforzi li għaddejjin, is-sajd IUU għadu sfida serja fl-ilmijiet tal-UE, ifixkel il-kompetittività, jimmina s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, u jhedded il-vijabbiltà ekonomika tas-settur tas-sajd u tal-komunitajiet kostali tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' sorveljanza u monitoraġġ mill-ajru u marittimi, li jiġu żgurati sistemi effettivi u proporzjonati ta' kontroll u spezzjoni, u li jiġi pprovdut appoġġ u taħriġ immirati lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-komunitajiet kostali lokali, sabiex jiġu identifikati, ipprevenuti u miġġielda b'mod effettiv l-attivitajiet IUU fl-ilmijiet tal-UE;

8. Jisħaq fuq l-importanza tad-dipendenza tal-Aġenzija fuq sorsi esterni ta' dħul bl-għan li tiżgura fondi biex tissodisfa l-objettivi statutorji tagħha;

9. Ifakkar li l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd primarjament huwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri, filwaqt li l-kompiti tal-Aġenzija huma limitati għall-appoġġ, għall-koordinazzjoni, kif ukoll biex tiġi pprovduta assistenza f'dan il-qasam lill-Istati Membri; jenfasizza b'mod speċjali l-importanza li l-Aġenzija tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-kontroll b'superviżjoni uniformi, prevedibbli u trasparenti, filwaqt li jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti fost l-Istati Membri li jissograw li joħolqu trattament inugwali, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u ugwaljanza fil-kontrolli; jinsisti li n-nuqqas ta' kontroll tal-attivitajiet tas-sajd ma jridx jiġi kkumpensat biż-żieda ta' piżijiet addizzjonali għall-operaturi, jew bit-telf ta' kundizzjonijiet ekwi;

10. Jisħaq li r-reviżjoni li għadha kemm ġiet adottata tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd żiedet il-volum ta' xogħol tal-Aġenzija b'mod partikolari biex tippermetti applikazzjoni aktar armonizzata tar-regoli fost l-Istati Membri; jenfasizza li l-obbligi jikbru mingħajr biżżejjed riżorsi biex dawn jiġu ssodisfati jfixklu l-kapaċità tal-Aġenzija li twettaq il-kompiti importanti tagħha;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tikkollabora mal-Aġenzija fit-tfassil tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni għar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd li ġie adottat reċentement u dwar ir-regolamenti marbuta mal-attivitajiet tagħha; ifakkar fil-ħtieġa li s-settur jiġi ggwidat fl-implimentazzjoni ta' dan il-qafas billi jiġu stabbiliti proġetti li jappoġġjaw lill-partijiet ikkonċernati u lill-amministrazzjonijiet tas-sajd fit-tranżizzjoni lejn għodod diġitali u regoli aġġornati;

12. Jisħaq, għalhekk, li r-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli għall-Aġenzija jridu jiġu ggarantiti u jkunu koerenti mal-kompiti assenjati lilha u mal-attivitajiet li għandhom jitwettqu u li trid tiġi evitata kwalunkwe pressjoni addizzjonali fuq l-attività tal-persunal u l-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura l-użu ottimali tal-approprjazzjonijiet allokati;

13. Jistieden lill-Aġenzija tappoġġja lill-Istati Membri fil-monitoraġġ u l-identifikazzjoni ta' ksur serju kif definit fir-Regolament (UE) 2023/2842 u speċjalment ksur imsemmi fl-Artikolu 90(2), il-punt (p) dwar ix-xogħol furzat; jirrimarka l-importanza li jiġi

pprovdut taħriġ adegwat għall-ispetturi tal-UE fir-rigward tal-monitoraġġ u l-identifikazzjoni ta' ksur serju;

14. Jinnota li, fl-2024, l-Aġenzija rrappurtat għadd totali ta' 45 734 spezzjoni, żieda ta' 1,65 % meta mqabbel mal-2023; jissottolinja li, filwaqt li l-għadd ta' spezzjonijiet żdied, u dan jindika allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi, dan juri wkoll il-ħtieġa ta' monitoraġġ u infurzar effettivi li jibqgħu essenzjali fl-ilmijiet kollha tal-UE; iqis li ż-żieda ta' 14 % fl-ispezzjonijiet b'mill-anqas ksur suspettat wieħed meta mqabbel mal-2023 toffri għarfien siewi biex tkompli tissaħħaħ il-konformità u tiġi żgurata sorveljanza effettiva; jenfasizza li l-Aġenzija għandha ssostni ż-żieda fl-attivitajiet ta' spezzjoni tagħha biex issaħħaħ l-infurzar, tipproteġi l-istokkijiet tal-ħut u tissalvagwardja l-għajxien tas-sajjieda;

15. Jikkonferma mill-ġdid l-impenn tagħna favur sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u jenfasizza r-rwol importanti tal-Unjoni fil-Governanza u d-Diplomazija Internazzjonali tal-Oċeani; jenfasizza, f'dan ir-rigward u fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU, li l-aġenzija għandha rwol importanti biex tinkoraġġixxi applikazzjoni akbar u armonizzata tas-sistemi ta' kontroll tal-UE stabbiliti kif ukoll kollaborazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex ikun hemm kontribut għat-tisħiħ tal-ordni bbażata fuq ir-regoli globali u fost l-oħrajn għall-ġlieda kontra s-sajd illegali u biex tiżgura li drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet soċjali, ta' dawk li jaħdmu fuq il-bastimenti tas-sajd, jiġu rispettati;

16. Jenfasizza li l-kredibbiltà tas-sistema ta' governanza internazzjonali tas-sajd sostenibbli bbażata fuq ir-regoli tiddependi wkoll mill-kapaċità tal-Unjoni li tiggarantixxi li l-prodotti tas-sajd importati minn pajjiżi terzi fis-suq tal-Unjoni jkunu ġew prodotti billi jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħal dawk għall-flotot tal-UE; iwissi dwar ir-riskju ta' kompetizzjoni inġusta jekk din il-konsistenza ma tkunx żgurata b'mod strett;

17. Jilqa' l-appoġġ ipprovdut mill-EFCA għall-ħidma tal-Unjoni fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO) u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE biex tittejjeb il-konformità, il-kundizzjonijiet ekwi u jitwassal il-bini tal-kapaċitajiet; jissottolinja r-rwol kruċjali tal-aġenzija fl-appoġġ lill-Istati Membri fil-monitoraġġ koordinat taż-Żoni Ristretti għas-Sajd (FRAs) stabbiliti mill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM);

18. Jinnota b'apprezzament il-kooperazzjoni kontinwa tal-Aġenzija mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) biex tappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/473; iqis din il-kooperazzjoni bħala eżempju tajjeb ta' kooperazzjoni u sinerġiji bejn l-aġenziji tal-Unjoni li għandha titħeġġeġ u tkun ta' ispirazzjoni għal aġenziji f'oqsma oħra; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha f'dak ir-rigward;

19. Jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li żieda fil-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), speċjalment rigward il-kondiviżjoni tad-data, u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) tipprovdi benefiċċji kumulattivi; jilqa' f'dak ir-rigward l-iffirmar ta' Memorandum ta' Qbil (MtQ) mal-EEA għall-iskambju ta' informazzjoni, għarfien u twettiq ta' proġetti pilota fuq il-baħar, b'mod partikolari

proġett iddedikat għall-iskart fil-baħar inkluż il-monitoraġġ, l-irkupru, il-ġbir, u r-riċiklaġġ ta' rkaptu tas-sajd abbandunat jew mitluf f'żoni marittimi deżinjati;

20. Jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija li toffri tisħiħ tal-kapaċitajiet u taħriġ lill-pajjiżi terzi u r-rwol kruċjali tal-Aġenzija li tiżgura kundizzjonijiet ekwi mal-istati kostali kollha;

21. Jinnota li, filwaqt li s-sajd IUU għadu sfida serja fl-ilmijiet tal-UE, l-appoġġ immirat u l-kapaċitajiet imsaħħa jistgħu jtejbu l-konformità u l-infurzar; jenfasizza, għalhekk, li l-EFCA għandha tkompli ssaħħaħ it-taħriġ u l-appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali, l-ispetturi u l-komunitajiet kostali lokali tal-UE biex jidentifikaw, jipprevjenu u jiġġieldu aħjar l-attivitajiet IUU;

22. Jissottolinja r-rwol kruċjali tal-Aġenzija fil-promozzjoni tal-konformità mar-regoli internazzjonali tas-sajd u għall-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi ġenwini bejn l-Unjoni u l-istati kostali kollha, b'mod partikolari fis-sajd ġestit b'mod kondiviż jew konġunt; jinnota li impenn koordinat, kemm esternament kif ukoll fl-Unjoni, huwa essenzjali għas-salvagwardja tas-sajd sostenibbli, iż-żamma ta' kompetizzjoni ġusta u l-protezzjoni tal-vijabbiltà soċjali u ekonomika fit-tul tar-reġjuni kostali tagħna;

23. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2024, it-tabella tal-persunal kienet 97 % kompluta, fejn inħatru 75 aġent temporanju mis-77 aġent temporanju awtorizzat fl-ambitu tal-baġit tal-Unjoni; jieħu nota taż-żieda ta' 6,7 % fl-ispejjeż tal-persunal meta mqabbel mal-2023;

24. Jenfasizza l-impenn tal-Aġenzija li tiżgura trattament ugwali tal-persunal kollu u li tikseb ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-gradi u livelli ta' responsabbiltà kollha; huwa mħasseb li n-nisa għadhom jirrappreżentaw biss 39 % tal-persunal impjegat fil-grad AD 8 jew ogħla, ċifra li staġnat mill-2021, għalkemm il-perċentwal kumplessiv ta' membri tal-persunal nisa huwa ta' 50 %; għaldaqstant, jinnota li jrid isir aktar biex tinkiseb parità fil-livell maniġerjali; itenni t-talba tiegħu lill-Aġenzija biex timplimenta u ssaħħaħ l-istrateġija tagħha dwar il-parità bejn il-ġeneri u l-politika ta' inklużività;

25. Jafferma mill-ġdid it-twemmin tiegħu li nuqqas ta' finanzjament u n-nuqqas ta' fond dedikat, delimitat u awtonomu għas-sajd u l-akkwakultura fil-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034 se jżidu d-diffikultajiet għal kollaborazzjoni dedikata bejn l-Aġenzija u l-Istati Membri; jirrimarka li n-nuqqas ta' finanzjament dedikat suffiċjenti jkollu wkoll effetti negattivi severi fuq il-flotta tas-sajd tal-UE u l-kapaċità tagħha li tiżgura konformità mar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd rivedut u, b'estensjoni ta' dan, jista' jxekkel l-implimentazzjoni meħtieġa tal-Politika Komuni tas-Sajd;

26. Huwa mħasseb ukoll dwar il-fatt li n-nuqqas ta' fondi għas-sajd suffiċjenti u dedikati fil-QFP futur se jikkompromettu l-kapaċità tal-Aġenzija li tappoġġja l-implimentazzjoni tal-PKS, b'mod partikolari fl-armonizzazzjoni tal-kontroll tas-sajd fost l-Istati Membri, se jikkompromettu l-ġlieda kontra s-sajd IUU u se jnaqqas il-kundizzjonijiet ekwi fost il-flotot tal-UE u fost il-flotot tal-UE u dawk ta' pajjiżi terzi; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' finanzjament suffiċjenti u, għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevedu mill-inqas ammonti identiċi ta' prezzijiet kostanti għall-baġit tal-Aġenzija fil-QFP li jmiss;

27. Jipproponi li tingħata l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-

implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2024.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fl-opinjoni tiegħu ma inkluda ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	27.1.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 –: 2 0: 4

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

21	+
ECR	Stephen Nikola Bartulica, Nora Junco García, Giuseppe Milazzo, Bert-Jan Ruissen
PPE	Carmen Crespo Díaz, Marco Falcone, Isabelle Le Callennec, Francisco José Millán Mon, Jessica Polfjärd, Sander Smit, Željana Zovko
Renew	Barry Cowen, Elsi Katainen, Ciaran Mullooly
S&D	Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Giuseppe Lupo, André Rodrigues, Eric Sargiacomo
The Left	Luke Ming Flanagan
Verts/ALE	Ana Miranda Paz

2	-
ESN	Siegbert Frank Droese
PfE	France Jamet

4	0
PfE	Ton Diepeveen, António Tânger Corrêa
The Left	Emma Fourreau
Verts/ALE	Isabella Lövin

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni